MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 434/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Manuel Schembri**

**Kumpilazzjoni Nru: 434/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Manuel Schembri, ta’ 27 sena, iben Carmelo u Maria Concetta nee’ Calleja, imwieled Pieta fis-7 ta’ Mejju, 1986 u residenti fil-fond numru 100, Triq is-Sur, Isla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 218386(M).

Akkuzat talli nhar it-23 ta’ Marzu, 2011, gewwa Sliema ghal habta ta’ 16:00hrs ikkommettaq serq ta’ diversi oggetti u flus kontanti minn gewwa vettura numru ta’ registrazzjoni WIL 207 ghad-dannu ta’ Jonathan Vella u/jew persuni ohra liema serq jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centemzu (€232.94) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli gewwa dawn il-gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat. Sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, 271 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat d-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazjzoni dwar serq.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsdrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbatax (14) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------